# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Marzu 2019

**Rikors Numru : 520/2018 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**AA**

**Vs**

**IC**

## Il-Qorti:

Rikors ta' AA, datat 26 ta' Novembru, 2019, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti izzewwget lill-intimat fid-19 ta' Mejju 1995* ***Dok A*** *huwa ic-certifikat taz-zwieg; minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.*

2. *Illi iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment tant li il-partijiet ilhom li isseparaw u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone datat 10 ta' Settembru, 2014 -* ***Dok B.***

3. *Illi intant il-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba snin mill-ahhar hamsa.*

4. *Illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni.*

5. *Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.*

6. *Illi dan kollu hu konfermat fl-affidavit anness –* ***Dok C.***

7. *Illi l-attrici tixtieq tiprevalixxi ruhha mid-diritt li titlob u tottjeni id-divorzju u dan ai termini tal-Art 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili;*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghogobaha :*

1. *Previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tiddikjara u tordna li iz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fid-19 ta' Mejju 1995 jigi dikjarat xolt ai termini tal-Artiklu 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' IC, datata 8 ta' Jannar, 2019, a fol 22 et seqq., li taqra hekk:

*Illi huwa ma jopponix ghat-talba ta' AA ghall-pronunzjament tal-hall taz-zwieg taghhom celebrat nhar il-Gimgha 19 ta' Mejju 1995 fil-Knisja Parrokjali tal-Fgura u b'riferenza ghall-Artikollu 66B tal-Kap. XIV tal-Ligijiet ta' Malta jinghad:*

- *Illi l-partijiet sseparaw "de iure" in forza ta' kuntratt ippubblikat fl-10 ta' Settembru 2014, u ghalhekk ilhom separati ghal oltre minn erba' snin rikjesti mill-ligi.*

- *Illi ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant li llum ghandhom hajja taghhom ghal rashom ma' terzi persuni.*

- *Illi tfal ma kellhomx, u fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom il-partijiet kienu rrinunzjaw irrevokabilment ghad-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin.*

*Ghaldaqstant l-esponent in vista tas-suespost huwa tal-fehma li dina l-Onorabbli*

*Qorti ghandha tippronunzja d-divorzju taz-zwieg taghhom celebrat fid-19 ta' Mejju 1995, u tordna lir-Registratur sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*L-esponenti ma ghandhux ibati spejjez.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**AA** xehdet permezz t'affidavit a fol 15 illi l-partijiet izzewgu fid-19 ta' Mejju 1995 u kienu ottjenew separazzjoni legali fit-10 ta' Settembru 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**IC** kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti permezz tar-risposta guramentat tieghu a fol 22.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-***

***divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi in segwitu taz-zwieg taghhom tad-19 ta' Mejju, 1995 (Dok A, a fol 2), l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 10 ta' Settembru 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone (vide Dok B, a fol 3 et seqq.), debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi jirrizulta inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**